Naghti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

18 ta' Mejju, 1999

## ATT Nru. V ta' l-1999

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1995 dwar Dazju tas-Sisa.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1999 li jemenda l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1995 dwar Dazju tas-Sisa, hawnhekk iżjed 'il-quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Att XVI ta' l-1995.

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fil-25 ta' Novembru, 1998, ħlief għall-artikolu 2 u għall-paragrafu (b) ta' l-artikolu 4 li għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1999.

**2.** Fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem minn "Il-Ministru jista'" sa "jiġi aċċertat" għandhom jidħlu l-kliem "Il-Ministru jista' permezz ta' regolamenti li jiġu pubblikati fil-Gazzetta jemenda, jirrevoka jew jissostitwixxi l-Iskedi li jinsabu ma' dan l-Att, jew xi Skeda minnhom, hekk kif jista' jkun meħtieġ minn żmien għal żmien, u dawk l-emendi jistgħu ukoll jintgħamlu sabiex jiġi aċċertat". Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

**3.** It-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej: Emenda tat-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

(a) minflok il-partita "Sigaretti klassifikati fl-intestatura Nru. 24.02 tat-Tariffa tad-Dwana:" u l-kliem fl-ewwel u t-tieni kolonna relativi għaliha, għandu jidħol dan li ġej:

" 

| | |
|---|---|
| Sigaretti klassifikati fl-intestatura Nru. 24.02 tat-Tariffa tad-Dwana: | |
| – Ta' tul totali ta' mhux iżjed minn 75mm | 47c3 kull pakkett ta' 20 jew parti minnu |
| – Ta' tul totali ta' iżjed minn 75mm | 55c1 kull pakkett ta' 20 jew parti minnu |

"; u

(b) minnufih wara l-partita "Tabakk, imqatta' jew mhux imqatta' u mħallat iżda mhux manifatturat aktar għall-produzzjoni industrijali tas-sigaretti (2)" fl-ewwel kolonna u l-figura "0" fit-tieni kolonna relattiva għaliha, għandhom jiddaħħlu il-partita ġdida u l-kliem ġdid li ġejjin fl-ewwel u tieni kolonna rispettivament:

"

| | |
|---|---|
| – Tabakk tat-tipjip ieħor, kemm jekk ikun fih, jew ma jkunx fih, xi sostituti tat-tabakk f'xi proporzjon li jkun | Lm17.50,0 kull kg. |

".

Emenda tar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**4.** Ir-Raba' skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-kliem "Spirtu għall-vetturi bil-mutur b'kontenut ta' ċomb ta' mhux aktar minn 0.013g/l" u l-kliem "– Oħrajn" fl-ewwel kolonna tagħha u l-kliem relattivi għalihom fit-tieni kolonna ta' l-istess, għandu jidħol dan li ġej:

"

| | |
|---|---|
| – Spirtu tal-vetturi bil-mutur b'kontenut ta' ċomb ta' mhux aktar minn 0.013g/l | Lm172.00,0 kull 1000 litru |
| – Oħrajn | Lm158.00,0 kull 1000 litru |

"; u

(b) minflok il-kliem "Lm86.00,0 kull 1000 litru" fit-tieni kolonna relattiva għall-partita "Żejt għall-ħtiġijiet tad-dar (Pitrolju), *aviation turbine fuels* u *white spirit;* żjut minbarra żjut lubrifikanti jew idrawliċi b'densità ta' 0.780 sa 0.810 esklussiv f'temperatura ta' 15°C, klassifikati fl-intestatura Nru. 27.10 tat-Tariffa tad-Dwana", għandhom jidħlu l-kliem "Lm31.00,0 kull 1000 litru".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 89 ta' l-4 ta' Mejju, 1999.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

18th May, 1999

## ACT No. V of 1999

*AN ACT to amend the Excise Duty Act, 1995.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:–

**1.** (1) This Act may be cited as the Excise Duty (Amendment) Act, 1999, and shall be read and construed as one with the Excise Duty Act, 1995, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title and commencement. Act XVI of 1995.

(2) This Act shall be deemed to have come into force on the 25th November, 1998, with the exception of section 2 and paragraph (b) of section 4 which shall be deemed to have come into force on the 1st January, 1999.

**2.** In subsection (5) of section 13 of the principal Act, for the words from "It shall be lawful" to "to ensure" there shall be substituted the words "The Minister may by regulations published in the Gazette amend, revoke or substitute the Schedules to this Act, or any of them, as may become necessary from time to time, and such amendments may also be made with an aim to ensure". Amendment of section 13 of the principal Act.

**3.** The Third Schedule to the principal Act shall be amended as follows: Amendment of Third Schedule to the principal Act.

(a) for the item "Cigarettes classified in Customs Tariff heading No. 24.02:" and the words in the first and second columns relative thereto, there shall be substituted the following:

"

| | |
|---|---|
| Cigarettes classified in Customs Tariff Heading No. 24.02 | |
| – Of an overall length not exceeding 75 mm | 47c3 per pkt of 20 or part thereof |
| – Of an overall length exceeding 75 mm | 55c1 per pkt of 20 or part thereof |

"; and

(b) immediately following item "– Tobacco, cut or uncut and blended but not further manufactured for the industrial production of cigarettes (2)" in the first column and the figure "0" in the second column relative thereto, there shall be inserted the following new item and words in the first and second column respectively:

"

| | |
|---|---|
| – Other smoking tobacco, whether or not containing tobacco substitutes in any proportion | Lm17.50,0 per kg. |

".

Amendment of the Fourth Schedule to the principal Act.

**4.** The Fourth Schedule to the principal Act shall be amended as follows:

(a) for the words "– Motor spirit with a lead content not exceeding 0.013 g/l" and the words "– Other" in the first column thereof and for the words relative thereto in the second column of the same, there shall be substituted the following:

"

| | |
|---|---|
| – Motor spirit with a lead content not exceeding 0.013 g/l | Lm172.00,0 per 1,000 litres |
| – Other | Lm158.00,0 per 1,000 litres |

"; and

(b) for the words "Lm86.00,0 per 1000 litres" in the second column relative to the item "Oil for household purposes (Kerosene), aviation turbine fuels and white spirits; oils other than lubricating or hydraulic oils with a density of 0.780 to 0.810 exclusive at a temperature of 15°C, classified in Customs Tariff Heading No. 27.10", there shall be substituted the words "Lm31.00,0 per 1000 litres".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 89 of the 4th May, 1999.

ANTON TABONE
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk to the House of Representatives*